MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2010

Numru. 1038/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur James Grech]**

**vs**

**James Agius**

**Kumpilazzjoni Numru: 1038/2010**

## Il-Qorti

Rat l-akkuza kontra James Agius, ta’ 21 sena bin Terrence u Mary Louise nee’ Cassar, imwieled Pieta fis-06 ta’ Dicembru 1988, u residenti 31 Flt 18 Triq l-Iljun, Floriana u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 558888M

Akkuzat talli talli nhar is-06 ta’Ottubru 2010 ghal habta tas-19.00hrs gewwa Floriana,

1. minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Shilo Curmi, f’periklu car, hebb ghall-istess Shilo Curmi detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 384680M u kkagunalu offizi gravi kif iccertifikat minn Dr. Robert Patiniott MD mic-Centru tas-Sahha Floriana;

2. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta’ protezzjoni ai termini ta’ l-Artikolu 412C fejn tiprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil Shilo Curmi u r-residenza tieghu kif ukoll il-post li tali persuna tiffrekwenta.
Rat l-artikoli 214, 216 u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u c-cirkostanzi li wasslu ghal dan l-incident u min-naha l-ohra l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni tieghu f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, l-eta ta’l-imputat u l-fedina penali tieghu li hija netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 214, 216 u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni

ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' sentejn u bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment inkluz dak li ma jdejjaqx, u ma jimmolestax lil Shilo Curmi.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju r-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

Il-Qorti tordna n-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta' l-Ufficju tal-Probation.

**DR DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------